



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14952/19

COEST 281
CFSP/PESC 942

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14636/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-UE dwar l-Artiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-UE dwar l-Artiku kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fid-9 ta' Diċembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-UE dwar l-Artiku

1. Il-Kunsill ifakkar fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku ppubblikata fis-27 ta' April 2016 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli; fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku tal-20 ta' Ġunju 2016; kif ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014 dwar l-iżvilupp ta' politika tal-Unjoni Ewropea favur ir-Reġjun tal-Artiku.
2. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2019 dwar l-Oċeani u l-Ibħra, inkluż l-Artiku; kif ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar Soluzzjonijiet Spazjali għal Artiku Sostenibbli.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-responsabbiltà primarja tal-Istati tal-Artiku għall-iżvilupp tal-Artiku iżda jqis ukoll li ħafna mill-kwistjonijiet li jaffettwaw ir-reġjun huma ta' natura globali u jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv permezz ta' kooperazzjoni reġjonali jew multilaterali b'mod partikolari l-Kunsill tal-Artiku u wkoll permezz tas-sistema tan-NU. Il-Kunsill jinnota li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tagħti kontribut sinifikanti, kemm f'fora reġjonali kif ukoll dawg multilaterali li jittrattaw kwistjonijiet tal-Artiku, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Artiku, il-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents, id-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali fir-reġjun u tilqa' l-inizjattivi u l-azzjonijiet tal-UE – bħall-Forum Artiku li sar f'Umeå, l-Iżvezja fit-3-4 ta' Ottubru 2019 – kif ukoll dawg tal-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam.
4. L-iżviluppi fl-Artiku qed jimxu 'l quddiem b'pass mgħaġġel. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tiżgura li l-approċċ ta' politika tagħha jqis l-iżviluppi rilevanti.
5. Fid-dawl tal-isfidi u l-opportunitajiet ġodda fl-Artiku u l-interess internazzjonali li qed jikber, il-Kunsill jistenna b'interess aġġornament tal-politika tal-UE dwar l-Artiku stabbilita fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-2016 dwar Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, f'konformità mad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, biex ikomplu jimplimentaw il-politika, jagħtu bidu għal proċess sabiex tiġi aġġornata l-politika dwar l-Artiku tal-UE u jkomplu jirrapportaw regolarment lill-Kunsill.